# INFORMAZZJONI MILL-ISTATI MEMBRI

## Informazzjoni fil-qosor ikkomunikata mill-Istati Membri dwar għajnuna mill-Istat mogħtija skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1857/2006 dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat tal-għajnuna mill-Istat għal impriżi żgħar u ta' daqs medju attivi fil-produzzjoni tal-prodotti agrikoli u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 70/2001

(2009/C 137/07)

**Għajnuna Nru:** XA 69/09

**Stat Membru:** Ir-Repubblika Ċeka

**Reġjun:** Vysočina

**Titlu tal-iskema ta' għajnuna jew isem l-impriża li qed tirċievi l-għajnuna individwali:** Podpora poskytování technické podpory v odvětví zemědělství

**Bażi legali:**

(1) Zákon č. 129/2000 Sb., o krajích (krajské zřízení), ve znění pozdějších předpisů

(2) Zákon č. 250/2000 Sb., o rozpočtových pravidlech územních rozpočtů, ve znění pozdějších předpisů

(3) Zákon č. 252/1997 Sb., o zemědělství, ve znění pozdějších předpisů

(4) Program rozvoje kraje Vysočina

(5) Zásady Zastupitelstva kraje Vysočina pro poskytování finančních příspěvků na podporu zemědělství v kraji Vysočina pro období 2007–2013 z rozpočtu kraje Vysočina a způsobu kontroly jejich využití č. 13/07

**Nefqa annwali ppjanata skont l-iskema u l-ammont kumplessiv ta' għajnuna individwali mogħtija lill-impriża:** Mhux iktar minn CZK 1 000 000

**Intensità massima tal-għajnuna:**

Rata tal-għajnuna: sa 100 % tan-nefqa eliġibbli.

In-nefqa eliġibbli li dwarha tista' tingħata kontribuzzjoni finanzjarja hija CZK 5 000-250 000 għal kull proġett. L-ammont massimu ta' kontribuzzjoni finanzjarja għal kull benifiċjarju/persuna inkarigata mill-proġett huwa CZK 1 750 000 għall-pejodu 2007-2013.

L-ispejjeż li huma speċifikati fl-Artikolu 15(2) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1857/2006 biss jitiqiesu eliġibbli. Fil-każ ta' servizzi ta' konsulenza, l-għajnuna se tingħata biex tkopri n-nefqa eliġibbli li ġejja: tariffi għal servizzi li ma jsawrux attività kontinwa jew perjodika u lanqas ma għandhom x'jaqsmu man-nefqa normali għat-tħaddim tal-impriża, bħal servizzi ta' rutina ta' konsulenza dwar it-taxxa, servizzi legali regolari, jew riklamar.

L-għajnuna għandha tingħata f'servizzi ssussidjati u ma għandux ikun hemm ħlas dirett ta' flus lill-produtturi.

L-għajnuna se tkun aċċessibbli għal dawk kollha eliġibbli fiż-żona konċernata, imsejsa fuq kundizzjonijiet iddefiniti oġġettivament. Meta l-appoġġ tekniku jingħata mill-gruppi tal-produtturi jew minn organizzazzjonijiet oħrajn, is-sħubija tat-tali gruppi jew organizzazzjonijiet ma għandhiex tkun kundizzjoni għall-aċċess għas-servizz. Kwalunkwe kontribuzzjoni mingħand dawk li mhumiex membri, għall-ispejjeż amministrattivi tal-grupp jew tal-organizzazzjoni konċernata se tkun limitata għall-ispejjeż biex jiġi pprovdut is-servizz.

**Data tal-implimentazzjoni:** Mill-15 ta' Marzu 2009

**Tul ta' żmien tal-iskema jew l-għotja tal-għajnuna individwali:** Sal-31 ta' Diċembru 2013

**Għan tal-għajnuna:**

L-għajnuna għandha tingħata skont l-Artikolu 15 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1857/2006.

L-għajnuna hija mmirata li ttejjeb il-kompetenza professjonali tal-operaturi involuti f'attivitajiet li għandhom x'jaqsmu mal-produzzjoni primarja ta' prodotti agrikoli speċifikati fl-Anness I għat-Trattat tal-KE, bl-għan li tiżdied l-effiċjenza fix-xogħol u l-produttività.

Dawn li ġejjin huma meqjusa bħala spejjeż eliġibbli: nefqa fuq l-organizzazzjoni ta' kompetizzjonijiet u wirjiet li jiffukaw fuq il-produzzjoni primarja ta' prodotti agrikoli speċifikati fl-Anness I għat-Trattat tal-KE, inkluż l-assistenza għall-ispejjeż relatati mal-parteċipazzjoni tal-esibituri fit-tali avvenimenti; spejjeż biex jiġu organizzati avvenimenti ta' taħriġ li jiffukaw fuq il-produzzjoni primarja ta' prodotti agrikoli speċifikati fl-Aness I għat-Trattat tal-KE fil-forma ta' korsijiet, seminars u laqgħat ta' ħidma; nefqa fuq konsulenza teknoloġika u ekonomika għall-imprendituri agrikoli.

**Settur(i) konċernat(i):** Impriżi żgħar u ta' daqs medju attivi fil-produzzjoni primarja ta' prodotti agrikoli

**Isem u indirizz tal-awtorità li tagħti l-għajnuna:**

Vysočina
kraj se sídlem: Žižkova 57
587 33 Jihlava
ČESKÁ REPUBLIKA

**Is-sit tal-internet:**

http://www.kr-vysocina.cz/vismo5/dokumenty2.asp?id_org=450008&id=1724443&p1=5411

http://www.kr-vysocina.cz/VismoOnline_ActionScripts/File.aspx?id_org=450008&id_dokumenty=4017824hocina.cz/VismoOnline_ActionScripts/File.aspx?id_org=450008&id_dokumenty=4017824

**Tagħrif ieħor:**

Ir-reġjun Vysočina jiddikjara li l-kundizzjonijiet stabbiliti fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1857/2006 tal-15 ta' Diċembru 2006 se jiġu rrispettati, jiġifieri l-għajnuna se tkun immirata għal impriżi żgħar u ta' daqs medju attivi fil-produzzjoni primarja ta' prodotti agrikoli, u li se jkun irrispettat il-limitu finanzjarju stabbilit b'dak ir-Regolament.

Din l-iskema ta' għajnuna temenda l-iskema ta' għajnuna oriġinali nnotifikata lill-Kummissjoni skont Nru XA 19/2007, l-unika bidla hija żieda fil-baġit annwali.

*President tal-Kunsill Reġjonali*

MUDR Jiří BĚHOUNEK

---

**Għajnuna Nru:** XA 75/09

**Stat Membru:** L-Italja

**Reġjun:** Regione Abruzzo

**Titlu tal-iskema ta' għajnuna:** Modalità operative per la concessione di agevolazioni ai sensi delle Leggi 1329/65 e n. 598/94 e s.m.i.

**Bażi legali:** Deliberazione della Giunta della Regione Abruzzo n. 1218 del 10.12.2008

**Nefqa annwali ppjanata għall-iskema jew ammont annwali kumplessiv ta' għajnuna individwali mogħtija lill-impriża:** EUR 6 000 000

**Intensità massima tal-għajnuna:** 20 %

**Data tal-implimentazzjoni:** fil-15 ta' April 2009

**Tul ta' żmien tal-iskema:** sal-31 ta' Diċembru 2013

**Għan tal-għajnuna:** Investimenti f'azjendi agrikoli (l-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 1857/2006).

**Settur(i) konċernat(i) :** Kodiċi NACE

A-Agrikultura, forestrija u sajd.

**L-isem u l-indirizz tal-awtorità li tagħti l-għajnuna:**

Regione Abruzzo — Giunta Regionale — Direzione Sviluppo Economico
Via Passolanciano, 75
65124 Pescara
ITALIA

**Indirizz tal-Internet:**

www.regione.abruzzo.it (News e avvisi)

www.incentivi.mcc.it/html/html/MCC_ABRUZZO/agevolazioni_regionali_new.html

**Tagħrif ieħor:** —

---

**Għajnuna Nru:** XA 76/09

**Stat Membru:** Il-Finlandja

**Reġjun:** Ir-reġjuni affetwati mill-kundizzjonijiet ħżiena tat-temp fl-2008

**Titlu tal-iskema ta' għajnuna jew isem l-impriża li qed tirċievi għajnuna individwali:** Għajnuna għall-impriżi agrikoli affetwati mill-kundizzjonijiet ħżiena tat-temp fl-2008

**Bażi legali:**

Laki satovahinkojen korvaamisesta (1214/2000)

Valtioneuvoston asetus satovahinkojen (297/2008)

Valtioneuvoston asetus vuoden 2008 viljelmäkohtaisista korvausosuuksista (xx/2009)

Maa- ja metsätalousministeriön asetus satovahinkojen korvaamisesta (331/2008)

**Nefqa annwali ppjanata skont l-iskema u l-ammont globali ta' għajnuna individwali mogħtija lill-impriża:** L-ispiża stmata ta' kumpens għall-falliment tal-uċuħ tar-raba' għal kull wiċċ tar-raba' fl-2008 hija ta' EUR 5.4 miljun.

**Intensità massima tal-għajnuna:**

Il-kumpens jitħallas skont l-Artikolu 2(8) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1857/2006. Il-kumpens għandu limitu ta' 90 % tat-telf li jaqbeż il-kontribuzzjoni tal-bidwi stess, jiġifieri 30 % tal-volum tal-ħsad standard. Ukoll għal kull wiċċ tar-raba' individwali eliġibbli għall-għajnuna, il-kontribuzzjoni tal-bidwi stess hija mill-inqas 30 % tat-telf totali. Għat-tqabbil tad-daqs tal-wiċċ tar-raba' fis-sena li fiha ġġarrab it-telf, tintuża l-medja aritmetika tal-ħsad fir-reġjuni inkwistjoni fil-ħames snin preċedenti, mingħajr ma jitqies l-ikbar u l-iżgħar ħsad. Jekk ma tkunx disponibbli d-dejta tal-ħsad ta' ħames snin, il-ħsad standard jiġi kkalkulat bħala l-medja aritmetika tal-ħsad fit-tliet snin preċedenti. Il-prezzijiet medji tal-bejgħ fis-sena li fiha seħħ it-telf jintużaw bħala l-bażi biex jiġi kkalkulat l-valur tal-ħsad li għalih se jitħallas il-kumpens. Imbagħad il-valur tat-telf jiġi kkalkulat individwalment għal kull bidwi abbażi ta' din id-dejta. Għalhekk, il-metodu tal-kalkulazzjoni jikkonforma mal-Artikolu 11 tar-Regolament (KE) Nru 1857/2006.

L-ammont massimu ta' telf eliġibbli għall-għajnuna għandu jitnaqqas bi kwalunkwe ammont riċevut skont l-iskemi tal-assigurazzjoni u kwalunkwe spejjeż u telf oħra differenti minn dawk li jirriżultaw mill-kundizzjonijiet ħżiena tat-temp.

**Data tal-implimentazzjoni:** L-iskema tal-għajnuna mhijiex se tidħol fis-seħħ qabel l-1 ta' April 2009.

**Tul ta' żmien tal-iskema jew l-għotja tal-għajnuna individwali:** L-għajnuna titħallas għall-ħsarat li saru fl-2008

**Għan tal-għajnuna:** Għajnuna għall-impriżi agrikoli u ortikolturali affetwati mill-kundizzjonijiet ħżiena tat-temp (l-Artikolu 11 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1857/2006)

**Settur(i) konċernat(i):** Iż-żona totali koperta mill-iskema tal-għajnuna hija madwar 30 000 ettaru. Iġġarrbet ħsara f'total ta' 26 wiċċ tar-raba' differenti.

**Isem u indirizz tal-awtorità li tagħti l-għajnuna:**

*Kriterji għall-għoti tas-sussidji:*

Maa- ja metsätalousministeriö
PL 30
00023 Valtioneuvosto
SUOMI/FINLAND

*L-entità responsabbli għall-implimentazzjoni tal-għajnuna*

Maaseutuvirasto (Agency for Rural Affairs)
PL 256
00101 Helsinki
SUOMI/FINLAND

**Indirizz elettroniku:**

http://www.finlex.fi/fi/laki/ajantasa/2000/20001214

http://www.finlex.fi/fi/laki/alkup/2008/20080297

http://www.finlex.fi/fi/laki/alkup/2008/20080331

http://www.mavi.fi/fi/index/viljelijatuet/satojatulvavahingot/satovahingot.html

**Tagħrif ieħor:** —

---

**Għajnuna Nru:** XA 77/09

**Stat Membru:** Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja

**Reġjun:** Saarland

**Titlu tal-iskema tal-għajnuna jew isem l-impriża li qed tirċievi l-għajnuna individwali:** Gewährung von Beihilfen und sonstigen Leistungen durch die Tierseuchenkasse des Saarlandes gemäß der Satzung der Tierseuchenkasse des Saarlandes über die Gewährung von Beihilfen und Leistungen (Beihilfesatzung)

**Bażi legali:**

— § 71 Tierseuchengesetz der Bundesrepublik Deutschland

— §§ 8, 9 und 19 des Saarländischen Ausführungsgesetzes zum Tierseuchengesetz (SAGTierSG)

— Satzung der Tierseuchenkasse des Saarlandes über die Gewährung von Beihilfen und Leistungen

**Nnefqa annwali ppjanata skont l-iskema jew l-ammont kumplessiv tal-għajnuna individwali mogħtija lill-impriża:** Għajnuna ta' madwar EUR 300 000 kull sena (iffinanzjata mill-kontributi ta' dawk li għandhom l-annimali lill-Fond għall-mard tal-annimali tar-reġjun ta' Saarland u mir-riżorsi tar-reġjun ta' Saarland).

**Intensità massima tal-għajnuna:** Sa massimu ta' 100 %.

**Data tal-implimentazzjoni:** L-għajnuna se tibda tingħata minn meta jasal l-avviż tal-wasla min-naħa tal-Kummissjoni Ewropea b'numru tal-identifikazzjoni skont l-Artikolu 20 tar-Regolament (KE) Nru 1857/2006.

**Tul ta' żmien tal-iskema jew tal-għotja tal-għajnuna individwali:** Sal-31 ta' Diċembru 2013

**Għan tal-għajnuna:**

L-Artikolu 10 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1857/2006

— Għajnuna sabiex ikun miġġieled il-mard tal-annimali

— Għajnuna bħala kumpens għat-telf tal-valur tal-annimali minħabba l-mard li jittieħed

— Għajnuna għall-miżuri sabiex il-mard tal-annimali jiġi evitat, jingħaraf u jiġi miġġieled

— Għajnuna fil-forma ta' ħlas għall-ispejjeż tal-miżuri dijanjostiċi tal-laboratorju biex jingħaraf il-mard tal-annimali

**Setturi ekonomiċi kkonċernati:** L-impriżi kollha li jrabbuż-żwiemel, il-baqar, il-ħnieżer, in-nagħaġ, il-mogħoż u t-tjur f'Saarland.

**Isem u indirizz tal-awtorità li qed tagħti l-għajnuna:**

Tierseuchenkasse des Saarlandes
Anstalt des öffentlichen Rechts
Franz-Josef-Röderstr. 23
66119 Saarbrücken
DEUTSCHLAND
Indirizz tal-posta elettronika: tsk-saar@justiz-soziales.saarland.de

**Sit tal-internet:**

Tierseuchengesetz [Il-liġi dwar il-mard tal-annimali] (Taqsira)

http://www.tsk-sl.de/satzungen/ausztiersg.html

Saarländisches Ausführungsgesetz zum Tierseuchengesetz [Il-liġi tar-reġjun ta' Saarland dwar l-implimentazzjoni tal-liġi dwar il-mard tal-annimali]

http://www.tsk-sl.de/satzungen/tiersg.html

Satzung der Tierseuchenkasse des Saarlandes über die Gewährung von Beihilfen [Id-digriet tal-fond għall-mard tal-annimali tar-reġjun ta' Saarland dwar l-għoti ta' għajnuniet u benefiċċji]

http://www.tsk-sl.de/PDF/Beihilfesatzung.pdf

**Tagħrif ieħor:** —

---

**Għajnuna Nru:** XA 80/09

**Stat Membru:** Spanja

**Reġjun:** Comunitat Valenciana

**Titolu tal-iskema ta' għajnuna jew isem il-kumpanija li tirċievi l-għajnuna individwali:** Intercoop Frutos Secos

**Bażi legali:** Ayuda individual nominativa: Presupuestos de la Generalitat 2009, programa 714.60, Línea T6172000 «Programas intersectoriales en materia de atributos y valores de la Calidad Agroalimentaria.»

**Nefqa annwali ppjanata taħt l-iskema jew ammont globali tal-għajnuna individwali mogħtija lill-kumpanija:** EUR 70 000

**Intensità massima tal-għajnuna:** 100 %

**Data tal-implimentazzjoni:** Mid-data tal-pubblikazzjoni tan-numru ta' reġistrazzjoni tat-talba għal eżenzjoni fuq is-sit elettroniku tad-Direttorat Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali tal-Kummissjoni.

**Tul ta' żmien tal-iskema jew tal-għajnuna individwali:** Sa Diċembru 2009.

**Għan tal-għajnuna:**

L-organizzazzjoni ta' workshops tekniċi u seminars dwar il-karatteristiċi u l-valuri tal-Kwalità Agroalimentari tal-Comunitat Valenciana; It-tixrid ta' għarfien xjentifiku, permezz ta' studji u rapporti tekniċi dwar il-valuri u l-karatteristiċi tal-ġewż użat fl-iżvilupp ta' prodotti ġodda.

Attivitajiet previsti fl-Artikolu 15 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1857/2006 tal-15 ta' Diċembru 2006.

**Settur(i) benefiċjarju/i:** SMEs tas-settur agroalimentari tal-Comunitat Valenciana.

**Isem u indirizz tal-awtorità li tagħti l-għajnuna:**

Conselleria de Agricultura, Pesca y Alimentación
C/Amadeo de Saboya, 2
46010 Valencia
ESPAÑA

**Indirizz tal-internet:**

http://www.agricultura.gva.es/especiales/ayudas_agrarias/pdf/INTERCOOP%20FRUTOS%20SECOS.pdf

**Tagħrif ieħor:** —

*Id-Direttur Ġenerali għall-Kummerċjalizzazzjoni*

Marta VALSANGIACOMO GIL